

31995D0483

L 275/30

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

18.11.1995

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI**tad-9 ta' Novembru 1995****Li tistabbilixxi l-kampjun taċ-ċertifikat għall-kummerċ intra-Komunitarju fl-ova u l-embrijuni tal-majjali****(Test b' rilevanza għall-FEE)**

(95/483/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE tat-13 ta' Lulju 1992 li tniżżel ir-rekwiżiti tas-saħħa ta' l-annimali li jirregolaw il-kummerċ fi u l-importazzjoni fil-Komunità ta' annimali, sperma, ova u embryos mhux suġġetti għar-rekwiżiti tas-saħħa ta' l-annimali preskritti f'regoli speċifiċi tal-Komunità msemmija fl-Anness A (I) li jinsab mad-Direttiva 90/425/KEE ⁽¹⁾ kif l-aħħar emendata bl-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-Awstrija, l-Finlandja u l-Isvezja b'mod partikolari r-raba' inċiż u t-tielet inċiż ta' l-Artikolu 11(3) tagħha,

Billi d-Direttiva 92/65/KEE tippreskrivi l-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali li jirregolaw il-kummerċ fl-ova u l-embryos tal-majjali;

Billi l-kampjun taċ-ċertifikat applikabbli għal dak il-kummerċ għandu jiġi determinat;

Billi l-miżuri provduti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Veterinarju Permanenti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI

Artikolu 1

Ċertifikat tas-saħħa li jikkorrispondi għall-kampjun muri fl-Anness hawn mehmus għandu jakkumpanja l-ova u l-embryos tal-majjali matul it-trasport lejn Stat Membru ieħor.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill- 1 ta' Jannar 1996.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fid-9 ta' Novembru 1995.

Għall- Kummissjoni


Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠO L 268, ta' l-14.9.1992, p. 54.

L-ANNESS

ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA GĦALL-KUMMERĊ INTRA-KOMUNITARJU FL-OVA U L-EMBRYOS ⁽¹⁾ TAL-MAJJALI		
1. Konsenjatur (isem u indirizz sħiħ)	Nru	ORIĠINAL
	2. Stat Membru tal-ġbir	
3. Kunsinnatarju (isem u indirizz sħiħ)	4. Awtorit� kompetenti	
NOTI (a) għandu jinħareġ ċertifikat separat għal kull konsenja ta' ova/embryos. (b) l-oriġinali ta' dan iċ-ċertifikat għandu jakkumpanja lill-konsenja sad-destinazzjoni tagħha.	5. Awtorit� kompetenti lokali	
	6. Post tat-tagħbija	
8. Mezz tat-trasport	7. Isem u indirizz tal-grupp tal-ġbir ta' l-ova/embryos ⁽¹⁾	
9. Post u Stat Membru ta' destinazzjoni	10. Numru ta' reġistrazzjoni tal-grupp tal-ġbir ta' l-ova/embryos ⁽¹⁾	
11. Isem u marka tal-kodiċi tar-riċipjenti li fihom l-ova/embryos ⁽¹⁾		
12. Identifikazzjoni tal-grupp ta' l-ova/embryos ⁽¹⁾		
(a) Numru ta' ova/embryos ⁽¹⁾	(b) Data/i tal-ġbir	(c) Razza
(d) Identit� tad-donatriċi femminili		
(e) Identit� tad-donatur maskili ⁽¹⁾		
13. Jien, hawn taħt iffirmat veterinarju uffiċjali, nattesta li: (a) l-ova/embryos ⁽¹⁾ deskritti fuq inġabru, ġew ipproċessati u maħżuna taħt kundizzjonijiet li jilhqg r-reqwiżiti tad-Direttiva 92/65/KEE; (b) l-ova/embryos ⁽¹⁾ jġgu minn majjali femminili li jilhqg r-reqwiżiti ta' l-Anness D, Kapittlu IV li jinsab mad-Direttiva 92/65/KEE; (c) l-ova/embryos ⁽¹⁾ jilhqg r-reqwiżiti tal-Kapittlu II ta' l-Anness D li jinsab mad-Direttiva 92/65/KEE; (d) fil-każ ta' embryos l-isperma wżata għall-fertilizzazzjoni tilħaq ir-reqwiżiti tad-Direttiva 90/429/KEE (ĠU C 224, tat-18.8.1990, p. 62) ⁽¹⁾ ; (e) — għall-embryos, inħaslet bit-trypsin ^(1,2) , — għall-ova, l-ova jġgu minn femminili li jilhqg l-kundizzjonijiet ta' l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/244/KEE (ĠU L 111, tal-5.5.1993, p. 21) ^(1,2) .		
⁽¹⁾ Fassar kif xieraq. ⁽²⁾ Din il-kundizzjoni tapplika biss għal embryos jew ova li joriġinaw f' reġjun mhux elenkat fl-Anness I tad- Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/244/KEE (ĠU L 16, tal-25.1.1993, p. 18) jew 93/244/EEC and destinat għal reġjun hekk elenkat. Għandha tgħodd ukoll għal ċaqliq minn żoni elenkati fl-Anness I tad-Deċiżjoni 93/244/KEE għal żoni elenkati fl-Anness I tad-Deċiżjoni 93/244/KEE.		



Magħmula f'

Firma tal-veterinarju uffiċjali:

Isem f' ittri kbar, titolu u kwalifika tal-firmatarju:
.....

